**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 24 ta' Marzu 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**MARK LAWRENCE RIZZO**

**KUMP NRU 63/2008**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, MARK LAWRENCE RIZZO, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 216383(M)** gie akkuzat :

1. talli f'Mejju 2007 u fix-xhur precedent f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Alison Vassallo, Trevor Borg u Tarcisio Junior Borg, ai termini tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai termini tal-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

3. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamilt uzu minn dokument falz, ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghall-awtorita pubblika u cioe' lill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz, ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

Aktar talli sar recediv b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 07.07.2003, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli kiser il-provvediment tal-artikolu 28A et sequitur billi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 08.03.2007.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-5 ta` Jannar 2009 (ara *folio* 135) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 193);

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess 24 ta` Marzu 2015 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lill-imputat qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat, anki jekk din ma tistax titqies bhala wahda daqstant bikrija. Qieset id-dikjarazzjoni ta` l-imputat fl-udjenza ta` llum stess fejn iddikjara li huwa kien qed jaghmel programm residenzjali mal-komunita` Santa Marija. Rat il-konferma ta` dan il-fatt minn naha ta` Ommissis A, koordinatur tal-programm imsemmi. Qieset ukoll id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni, maghmula wkoll fl-udjenza ta` llum stess, fejn gie ppuntwalizzat li fid-dawl ta` dak kollu rizultanti, hija tal-fehema li l-aktar sanzjoni indikata hija dik ikkontemplata taht l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Qieset ukoll li l-Qorti ntalbet tuza l-klemenza ma` l-imputat sabiex huwa ma jitlifx dan il-progress li kien qed jaghmel fil-programm.

Qieset id-dikjarazzjoni maghmula fl-udjenza ta` llum stess sabiex din il-Qorti tastjeni milli tattiva s-sentenza sospiza tat-8 ta` Marzu 2007, stante li din kienet gia giet attivata minn Qorti ohra.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 28A, 49, 50, 51, 183, 184, 188, 308, 309 u 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lil Mark Lawrence Rizzo hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u konsegwentement tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ghal zmien sentejn izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**.

Tastjeni mill ddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza tat-8 ta` Marzu 2007 peress illi din gia giet attivata, kif ukoll tastjeni milli tapplika d-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9 stante li ma jikkonkorrux l-elementi idonei ghal tali applikazzjoni.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur